**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Luigi Aquilina

Vs

EPIC Communications Ltd

CCT 82/21/MM

Illum, 4 ta' Ottubru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fl-20 ta' Mejju 2021 fejn talab is-somma ta' elf u mitejn Ewro (€ 1200) rappreżentanti kalkolu ta' konsum tad-dawl u l-penali possibilment inkorsi bit-terminazzjoni tal-kuntratt.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata fejn qed tiċħad dak allegat mir-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fil-Liġi.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi bil-ġurament tiegħu r-rikorrenti jsostni li huwa kien qiegħed jitlob l-ammont reklamat u dan stante li ma kienx kuntent bis-servizz mogħti lilu fir-rigward ta' *reception* u *data*

*coverage*. L-ammont ta' Euro 1200 jirrappreżenta kalkoli tiegħu skont Dok LA 1 u ċioe it-total tal-allegat konsum ta' dawl minħabba r-*repeater* ġewwa daru fl-ammont ta' Euro 237.25 u l-kumplament il-penali li huwa kellu jinkorri sabiex jittermina l-kuntratt.

Min-naħa tagħha s-soċjeta' intimata tirribatti billi tippreżenta l-*call logs* (mingħajr numri ta' terzi a fini ta' protezzjoni tad-data) kif ukoll l-użu komplut tas-servizz u l-internet kif imħaddem mir-rikorrenti. Illi l-intimata tinsisti li dan ma kienx l-ewwel kuntratt li kkuntratta magħhom ir-rikorrenti u fir-rigward tal-bżonn tar-*repeater* ġewwa r-residenza tiegħu, kienet mhux biss xi ħaġa li kien komdu jinstalla iżda wkoll sussegwentement daħal f'kuntratti oħra magħha fosthom il-*family plan* u l-mobile li jitħallas f'36 *installments* abbinat mas-servizz personali lilu. Iktar minn hekk, l-intimata tinsisti li f'diversi opportunitajiet (dan korraborat bi skambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet) hija offriet lill-intimat sabiex jittermina l-kuntratt mingħajr ma jinkorri penali filwaqt li naturalment iħallas il-prezz tal-*mobile phone device* iżda l-kumplament f'sitt (6) pagamenti u mhux għat-terminu kollu li fadal tal-kuntratt.

Ikkonsidra

Illi t-Tribunal ma jistax ma jinnutax ir-reqqa fil-mod kif is-soċjeta' intimata pproduċiet il-provi tagħha a kuntrarju ma' dak allegat mir-rikorrenti. Illi bl-istess mod dan it-Tribunal jinnota li minn jheddu r-rikorrenti għażel li jerġa jikkuntratta mal-intimata meta huwa kien diġa ben konxju li fir-residenza tiegħu jistgħa jkun hemm diffikulta' fir-*reception* u *data coverage*.

Illi għalhekk il-komputazzjoni matematika magħmula personalment mir-rikorrenti fejn jidħol l-allegat konsum ta' dawn mhux biss dan it-Tribunal iħoss li ma ġiex pruvata imma wisq inqas għandha bażi legali meta hu minn jheddu għażel li jinstalla dan l-apparat mis-sena 2017 !

Illi iktar minn hekk, dan it-Tribunal ma huwa xejn konvint meta r-rikorrenti jgħid li l-problema tar-*reception* u *data coverage* fis-servizz personali tiegħu kienet kullimkien f'kull lok u mhux biss limitata għar-residenza tiegħu meta fl-istess waqt joħroġ biċ-ċar li huwa qatt ma pprova jew tal-inqas aċċetta l-offerta tal-intimata li jiġi terminat il-kuntratt bla ma jinkorri **ebda penali.** Illi huwa ferm raġonevoli li ġjaladarba huwa għamel użu u ried iżomm

il-*mobile phone device* dan kellu iħallas għalih, liema perjodu ta' sitt (6) xhur it-Tribunal iqis li kien biżżejjed.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru